MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 88/2006/1

**Anthony Pace**
***versus***
**Frances *sive* Franca mart John Camilleri**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, li laqgħet eċċezzjoni ta' nullità tal-azzjoni taħt l-art. 789(1)(*ċ*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili "minħabba kontradittorjetà fid-diversi talbiet", u hekk ħelset lill-konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju.

2. L-attur kien fisser illi fis-17 ta' Settembru 1991 il-konvenuta kienet ġegħlitu b'qerq jagħtiha prokura ġenerali

biex teħodlu ħsieb ħwejġu. Din il-prokura iżda ma tiswiex għax l-attur ma jafx jiffirma ismu u l-prokura ma saritx kif igħid u jrid l-art. 634(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-attur sar jaf illi, minkejja dan, il-konvenuta kienet inqdiet bil-prokura biex iddisponiet minn ħwejġu kemm b'titolu oneruż u kemm b'titolu gratuwitu, u mhux biss ma ngħatax tagħrif dwar dan iżda lanqas ingħata l-flus li ddaħħlu mill-bejgħ, li l-konvenuta għamlithom tagħha. Sar jaf ukoll illi l-konvenuta ġibdet u għamlet tagħha flus li l-attur kellu fil-banek lokali.

3. L-attur għalhekk ħassar il-prokura b'ittra uffiċjali tal-31 ta' Awissu 2004 u, billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuta biex tagħtih rendikont ta' x'għamlet bi ħwejġu u biex tagħtih ir-rikavat tal-bejgħ u troddlu l-flus li kienet ġibditlu mill-banek, fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

i. tgħid illi l-prokura li kienet saret minnu fis-17 ta' Settembru 1991 ma tiswiex għax ma saritx kif trid il-liġi għal min ma jafx jiffirma ismu;

ii. tgħid illi ma jiswewx l-atti kollha li għamlet il-konvenuta bis-saħħa tal-prokura, kemm meta iddisponiet minn ħwejjeġ l-attur favur terzi u kemm meta ġibdet flus li l-konvenut kellu f'banek lokali – l-attur irtira din it-talba b'nota tad-9 ta' Jannar 2009;

iii. tordna lill-konvenuta tagħti rendikont ta' dak kollu li għamlet u dak li rċeviet kif igħid u jrid l-art. 1857 (*recte*, 1875) tal-Kodiċi Ċivili; u

iv. jekk ma tintlaqax it-tieni talba safejn tolqot proprjetà immobbli, tordna lill-konvenuta trodd il-flus kollha li daħħlet mill-bejgħ ta' din il-proprjetà u li żammet kontra r-rieda tal-attur, u trodd ukoll il-flus li ġibdet kontra r-rieda tal-attur mill-kontijiet bankarji tiegħu, flimkien mal-imgħaxijiet relativi.

4. Il-konvenuta ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi "l-attur ma jistax jagħmel kumulu ta' azzjonijiet kif qiegħed jagħmel f'dan il-każ" u "għalhekk l-attur għandu jagħżel u jiddikjara liema azzjoni huwa ser ikompli".

5. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 2009 l-ewwel qorti laqgħet din l-eċċezzjoni, iddikjarat "il-kawża nulla a tenur tal-artikolu 789(1)(*ċ*) tal-Kap. 12 minħabba kontradittorjetà fid-diversi talbiet", u ħelset lill-konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tagħha, li saret qabel ma l-attur ċeda t-tieni talba tiegħu, il-konvenuta targumenta illi bit-talbiet magħmula mill-attur mhux talli hemm kumulu ta’ azzjonijiet differenti, imma wkoll li dawn huma kontradittorji għal xulxin.

«… … …

«Taħt il-liġi tagħna kawża tista’ tiġi dikjarata nulla jekk ikun hemm xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fis-sub-artikolu (1) ta’ l-artikolu 789 tal-Kap. 12. Fil-każ tagħna, il-konvenuta tikkontendi illi huwa applikabbli il-paragrafu (*ċ*) ta’ dan is-subartikolu, u *cioè* “jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta’ nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort’oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;” u dan għaliex ma ġiex osservat l-artikolu 156(1)(*a*) tal-Kap. 12 li jirrikjedi li r-rikors ġuramentat għandu jkun “fih tifsira ċara u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba”.

«Infatti kif sewwa tindika l-konvenuta fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħha, fil-każ in eżami l-attur qiegħed fl-istess nifs jitlob li prokura maghmula permezz ta’ skrittura privata a favur tal-konvenuta tiġi dikjarata nulla minħabba nuqqas ta’ xi formalità rikjesta mil-liġi, u li l-konvenuta tagħtih rendikont tal-mandat tagħha *ai termini* tal-artikolu 1875 tal-Kap. 16, li proprju jirregola l-mandat. Il-kontradittorjetà f’dawn iż-żewġ talbiet hija evidenti: jekk ma kienx hemm mandat validu kif qed isostni l-attur, ma seta’ lanqas kien hemm ebda obbligu ta’ rendikont, impost fuq il-mandatarju bil-liġi, sakemm ma jiġix speċifikament eżentat. Madankollu l-attur għażel li jippersisti b’dawn iż-żewġ talbiet konfliġġenti, għalkemm kellu kull opportunità li jsalva din il-kawża, billi, kif għamel fir-rigward tat-tieni talba, iċedi wkoll xi waħda minn dawn iż-żewġ talbiet l-oħra wkoll. Fis-sitwazzjoni preżenti l-attur ġab lil din il-qorti u lill-konvenuta f’pożizzjoni li ma jistgħux ikunu jafu sewwa sew xi jrid, u *cioè* jekk hux li l-prokura in kwistjoni tiġi dikjarata nulla, inkella li l-konvenuta tiġi ordnata tagħtih rendikont, ħaġa li tista’ ssir biss a bażi ta’ prokura valida.

«F’tali ċirkostanzi din il-qorti taqbel mal-konvenuta li l-kawża kif proposta mill-attur, minkejja t-talba li ġiet ċeduta, xorta waħda fiha nuqqas ta’ osservazzjoni ta’ dak maħsub fil-paragrafu (*ċ*) tas-subinċiż (1) tal-artikolu 156

tal-Kap. 12, billi mhux talli fir-rikors ġuramentat tal-attur ma hemmx tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba, imma talli l-premessi u t-talbiet huma kontradittorji għal xulxin, ħaġa li ma tistax tissewwa mod ieħor ħlief billi jiġu annullati dawn l-atti.»

6. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-13 ta' April 2009. L-aggravju tiegħu essenzjalment huwa illi ma hemm "xejn konfliġġenti jew kontradittorju bejn it-talbiet li l-qorti ġiet mitluba li tiddeċiedi dwarhom", u illi għamlet żball l-ewwel qorti "meta argumentat li jekk ma kienx hemm mandat validu ma seta' anqas kien hemm ebda obbligu ta' rendikont impost fuq il-mandatarju bil-ligi" għax "irrispettivament mill-fatt jekk mandat li jkun sar b'kitba privata ikunx wieħed validu jew le, fis-sens ikunx sar validament jew le, b'daqshekk ma jistax jiġi argumentat li l-mandatarju m'għandu ebda obbligu li jagħti rendikont ta' dak kollu li jkun għamel u ta' dak kollu li jkun irċieva bis-saħħa ta' dak il-mandat li sussegwentement jigi dikjarat null".

7. Il-konvenuta wieġbet fl-4 ta' Mejju 2009 u fissret għala, fil-fehma tagħha, l-appell għandu jiġi miċħud. Dwar l-aggravju tal-attur illi wkoll min jaġixxi f'isem ħaddieħor bla ma għandu prokura valida għalhekk għandu jagħti kont tal-għemil tiegħu, il-konvenuta osservat illi:

«l-appellant … … … qiegħed jitlob l-għoti ta' rendikont mingħand l-appellata speċifikament bħala mandatarja *ex* artiklu 1857 (*recte*, 1875) tal-Kodiċi Ċivili. Permezz tal-ewwel talba qiegħed jitlob li l-prokura tiġi dikjarata nulla; filwaqt li permezz tat-tielet talba qiegħed jitlob mingħand il-konvenuta rendikont fil-*veste* taghha ta' mandatarja. Fl-ewwel talba l-attur qiegħed jitlob li jiġi dikjarat li l-konvenuta-appellata mhix mandatarja, waqt li fit-tielet talba qieghed jippresupponi, għall-kuntrarju, li fil-fatt hija mandatarja u konsegwentement qiegħed jitlob li l-appellata tonora l-obbligu tagħha tal-għoti ta' rendikont li jiskatta proprju mill-istitut tal-mandat.»

8. Fil-fehma ta' din il-qorti l-aggravju tal-attur huwa ampjament ġustifikat għalkemm it-talbiet kif magħmula fl-att promotorju setgħu saru b'aktar ħsieb. Bla ħsara għall-kwistjoni jekk il-prokura kinitx tiswa jew le – li dwarha għad ma hemm ebda deċiżjoni – il-fatt jibqa' illi l-konvenuta ġabet ruħha ta' prokuratriċi – *se procuratorem*

*esse simulavit* –, inqdiet b'setgħat ta' prokuratriċi u għalhekk għandha d-dmirijiet ta' prokuratriċi, fosthom dawk tal-art. 1875 tal-Kodiċi Ċivili. Ukoll jekk il-prokura ma kinitx tiswa *ab initio*, kien hemm *de facto* prokura putativa li hija milquta b'dik id-dispożizzjoni tal-liġi.

9. Is-sentenza appellata twassal għall-konklużjoni anti-ġuridika illi *falsus procurator* igawdi pożizzjoni aħjar minn dik tal-*procurator verus* u twassal ukoll għal inġustizzja mal-attur, li jkollu jagħżel bejn ir-rimedju li jitlob dikjarazzjoni ta' invalidità tal-prokura bla ma jingħata kont tal-għemil tal-*falsus procurator* jew inkella jitlob li jingħata kont bla ma jista' jħassar il-prokura *ab initio* meta, kif sewwa jgħid l-attur, iż-żewġ rimedji mhux biss ma humiex kontradittorji iżda huma komplementari għal xulxin.

10. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta u tordna illi l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex din tkompli tisma' l-kawża fil-meritu.

11. L-ispejjeż kollha ta' dan l-episodju għandha tħallashom il-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------